

Brussell, 4 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12355/25

FIN 1008
INST 246

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Dikjarazzjoni konġunta dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA), l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR L-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SIGURTÀ MARITTIMA (EMSA), L-AĠENZIJA EWROPEA GĦALL-AMBJENT (EEA), L-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI (ECHA) U L-AWTORITÀ EWROPEA DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL (EFSA)

F'konformità mal-Punt 27 tal-Ftehim Interistituzzjonali (FII) tal-20 ta' Diċembru 2020, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu dwar dan li ġej, abbażi tal-informazzjoni mibgħuta mill-Kummissjoni:

- Il-finanzjament tal-ammonti ppreżentati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji riveduti għall-*Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)* b'rabta mal-Pakkett dwar is-sikurezza marittima jista' jiġi żgurat fi ħdan il-limitu massimu għan-nefqa maqbul tal-intestatura 1 tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021-2027. L-ammont ta' kontribuzzjoni annwali tal-UE u l-pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-EMSA għas-sena finanzjarja 2025 diġà ġew inklużi fil-baġit tal-2025. Il-kontribuzzjoni annwali tal-UE u l-għadd totali ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-EMSA għas-sena finanzjarja 2026-2027 ser jiġu deċiżi fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.
- Il-finanzjament tal-ammonti ppreżentati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji għall-*Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)* u l-*Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)* jista' jiġi żgurat fi ħdan il-limitu massimu għan-nefqa maqbul tal-intestatura 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021-2027. Il-finanzjament tal-ammonti ppreżentati fid-dikjarazzjoni finanzjarja għall-*Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)* jista' jiġi żgurat mill-baġit attwali tal-aġenzija. L-ammont ta' kontribuzzjoni annwali tal-UE u l-pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-EEA u l-ECHA għas-sena finanzjarja 2025 diġà ġew inklużi fil-baġit tal-2025. Il-kontribuzzjoni annwali tal-UE u l-għadd totali ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-EEA, ECHA u l-EFSA għas-sena finanzjarja 2026-2027 ser jiġu deċiżi fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali.